MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 831/2004

**Ronald u Susan Pavia**

**Vs**

**Liz Chircop**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm128.36c) rapprezentanti prezz ta' servizzi minnu pprestati konsistenti fi produzzjoni ta' *rubber plates* u xoghlijiet konnessi.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi preliminarjament l-azzjoni ta' l-atturi hija preskritta bil-preskrizzjoni biennali ai termini ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuta m'hijiex il-legittimu kontradittur. Illi fil-mertu u

minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

Sema' x-xhieda ta' Ronald Pavia u ta' Liz Chircop.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Noel Bianco u ta' Dr Kris Busietta ghall-konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenuta kienet qeghda tiggestixxi hanut maghruf bhala KJ Levels f'City Gate, l-Belt Valletta u l-attur mar jistaqsiha jekk rieditx taghmel printing fuq *plastic bags*. L-attur l-ewwel ghamel l-*artwork* u zied jghid illi wara li wera l-*artwork* lill-konvenuta hija kkonfermat l-ordni u dan versu prezz globali ta' bejn tlett mija u tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm300 – Lm350). Talabha deposit biex isir il-process tar-*rubbers* izda ma hallsitux deposit u mbaghad meta kellimha qaltlu li ma kienetx lesta li thallas deposit. Huwa zied jghid li pprova jasal fi ftehim maghha w anki ha lil missieru mieghu izda ma waslux fi ftehim. Billi l-konvenuta ma haditx ix-xoghol huwa ried almenu l-ispejjez li nefaq biex jaghmel l-*artwork* u anki biex ghamel il-*films*. Huwa kien inkariga lil Repro House Company Limited li kienu baghtulu kont ta' erbgha u sittin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm64.36c). Apparti dan, huwa kien hela l-hin tieghu w eventwalment il-kont finali hareg b'total ta' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm128.36c) li huwa l-ammont mitlub f'din il-kawza.

Illi l-konvenuta ssostni illi l-firem fuq id-dokumenti RP1 u RP4 m'humiex il-firma taghha. Inoltre, ziedet tghid illi hija qatt ma kkonfermat l-ordni.

Illi l-konvenuta qeghda ssostni illi effettivament hija qatt ma kkonfermat l-ordni u li fil-fatt meta l-attur uriha l-*artwork* hija lmentat dwar il-kulur u ghalhekk irrifjutat li tiffirma l-*artwork* u anzi cahdet li ffirmat l-ordni. Hija ssostni illi dakinhar l-attur issuppervja u telaq 'l hemm.

Hija ziedet tghid ukoll illi ftit wara dan, billi hija kellha bzonn il-boroz tal-plastik ghax-xoghol taghha, kienet cemplet lill-attur u talbitu biex jasal fi ftehim bonarju izda li hu ma riedx billi kienu dahlu l-avukati.

Da parti tieghu l-attur cahad li rcieva din it-telefonata.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi effettivament l-attur verament mar diversi drabi ghand il-konvenuta in konnessjoni max-xoghol mertu tal-kawza. It-Tribunal huwa anki sodisfatt illi l-attur attwalment hejja l-*artwork* u li attwalment l-*artwork* kien sodisfacenti. It-Tribunal jifhem illi l-kwistjoni li semmghiet il-konvenuta dwar il-kulur ta' l-*artwork* hija skuza u dan partikolarment billi l-konvenuta xehdet illi ftit wara li tallega li l-attur telaq mill-hanut taghha kienet cemplitlu u nfurmatu li kienet interessata li tiehu x-xoghol wara kollox.

It-Tribunal huwa anki sodisfatt illi l-attur ipproceda biex jaghmel ix-xoghlijiet in kwistjoni, jigifieri li ordna r-*rubbers* u li kien ircieva l-kont minghand Repro House Company Limited kif inhu spjegat u ta' dan ghandu d-dritt li jithallas basta jikkonsenja l-istess *rubbers* lill-konvenuta mal-hlas. L-attur qieghed jikkontendi wkoll li ghandu dritt jithallas ix-xoghol tal-*mano d'opera* tieghu li prattikament irdoppja l-kont mitlub mir-Repro House. It-Tribunal jidhirlu li din id-differenza hija esagerata u tisthoqq li tigi ridotta *arbitrio et bono viri* ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).

Ghar-rigward ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jirrizulta illi l-ordni saret fis-Sajf jew ftit wara s-Sajf tas-sena 2003 mentri l-kawza giet istitwita f'April 2004, jigifieri ferm anqas mis-sentejn imsemmi fl-Artikolu tal-ligi kkwotat mill-konvenut. Il-konvenuta argumentat illi hija giet innotifikata f'Marzu 2006 u ghalhekk oltre l-perjodu ta' sentejn minn meta allegatament saret l-ordni, izda t-Tribunal jirrileva illi mill-mument li gie pprezentat l-Avviz tat-talba, l-perjodu preskrittiv jigi sospiz u ma jibqax jiddekorri waqt id-dekors ta' l-istess kawza ( Art. 2131 tal-Kap. 16)

Illi ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qeghda tigi respinta.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi t-talba attrici tisthoqq li tigi milqugha pero’ f’ammont ridott u cjoe’, ghandha tigi milqugha somma li tkopri l-ispejjez inkorsi mill-attur u cjoe’ biex ikopri l-kont ta’ Repro House Company Limited ammontanti ghal erbgha u sittin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm64.36c) u ma’ dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur ghandu jircievi s-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) bhala kumpens ghax-xoghol tieghu li kif fuq inghad qed jigi ffissat *arbitrio et bono viri* u l-ammont komplessiv qed jigi arrotondit ghal disghin lira Maltin (Lm90) bil-kundizzjoni illi r-*rubbers* indikati mill-attur ghandhom jigu kkonsenjati lill-konvenuta mal-hlas.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ta’ l-attur u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ disghin lira Maltin (Lm90) bil-kundizzjoni li mal-hlas ghandu jikkonsenjalha l-imsemmija *rubbers*. L-interessi jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz. L-ispejjez tal-kawza jkunu kwantu ghal tlett kwarti (3/4) ghall-konvenuta u kwart (1/4) ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------